

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Marzu 2017 (Każ R 1506/2016-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Yatecomeré u the GB Foods.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) The GB Foods, SA, hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 318, 25.9.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Frar 2019 – TN vs ENISA

(Kawża T-461/17) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanji — Reklutaġġ — Avviż ta' pożizzjoni vakanti — Pożizzjoni ta' kap ta' diviżjoni — Inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Aċċettazzjoni tal-offerta ta' reklutaġġ — Irtirar tal-offerta ta' reklutaġġ — Kundizzjonijiet ta' reklutaġġ — Referenzi ta' karattru xieraq — Article 12 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Trattament ta' data personali — Dritt għal smiġh — Responsabbiltà”)

(2019/C 103/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: TN (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (rappreżentanti: A. Ryan, aġent, assistit minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għal, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-25 ta' Novembru 2016 li permezz tagħha l-ENISA pproċediet għall-irtirar tal-offerta ta' reklutaġġ għall-pożizzjoni ta' kap tad-diviżjoni “Servizzi Amministrattivi” ppreżentata lir-rikorrent, kif ukoll l-annullament tad-deċiżjoni tal-20 ta' April 2017 li tiċħad l-ilment tiegħu u, min-naħa l-oħra, il-kundanna tal-ENISA għall-kumpens għad-danni materjali u morali. li r-rikorrent allegatament sofra minħabba, b'mod partikolari, l-irtirar illegali ta' din l-offerta.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) TN huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 347, 16.10.2017.